# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 25 ta' April 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Carmelo Caruana**

**Kumpilazzjoni Nru: 534/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmelo Caruana ta' 44 sena, bin Joseph u Georgina nee' Zammit, imwieled Pieta', nhar id-9 ta' Settembru, 1970 residenti fil-fond numru 319, Bini tal-Gvern, Triq iz-Zewg Mini, Isla, u/jew 21, Block 2, Triq iz-Zewg Mini, Isla, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 393370M,

Akkuzat talli nhar is-27 ta' Frar, 2015, ghal habta tal-hamsa u nofs (17.30hrs) ta' wara nofsinhar gewwa Triq Vitorja, Isla volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' Alfred Mallia meta gidem bicca mill-widna tax-xellug ta' l-imsemmi Mallia u qattaha barra.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja, l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni ank wara li l-Qorti taghtu zmien jikkusnidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija kwazi netta. Hadet in konsiderazzjoni ukoll id-dikjarazzjoni tal-parte leza li huwa hafer lill-imputat, li llum r-relazzjonijiet ta' bejniethom huma ristabiliti u li m'ghandu l-ebda interess f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215 u 218(1)(b) fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija i b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta' sentejn (2).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**